MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 27/2000/1

Joseph Cauchi

vs

Lawrence Mizzi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur li tghid:

Billi fid-19 ta’ Frar 1996 waqt li l-attur Joseph Cauchi kien qed jaqsam zebra-crossing fi Triq Papa Gwanni Pawlu, ir-Rabat, Ghawdex, hu safa imtajjar mill-vettura J-3695 misjuqa mill-konvenut;

Billi b’rizultat ta’ dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti f’telf ta’ xoghol u debilita’ permanenti fuq il-persuna tieghu;

Billi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Billi mitlub biex jaghmel tajjeb ghad-danni mgabbra mill-attur il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u ghall-konsegwenzjali danni li sofra l-attur;
2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 1998 u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta llum stess kontra l-assikuraturi tal-konvenut u mghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li ecepixxa:

i. preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;
ii. fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-incident stradali gara unikament htija ta' l-attur u dan kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza;
iii. fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-danni li qed jigu reklamati mill-attur huma esagerati.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti medici nominat, debitament mahlufa;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-incident stradali li jikkostitwixxi l-meritu tal-kawza huwa fatt cert u pruvat li l-konvenut innifsu jirrikonoxxi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Difatti f'paragrafu tal-istess nota (vide folio 336) jghid illi " m'huwiex kontestat mill-partijiet li l-incident sehh fuq iz-zebra crossing imsemmija"; izda mhux biss billi wkoll jissintesiza perfettament il-posizzjoni kontrapposta tal-kontendenti. Difatti jintqal f'dan il-kuntest li: "filwaqt li l-konvenut jispjega li l-incident sehh billi l-attur baqa' diehel gol-vettura tieghu meta dar lura biex jerga' imur ghan-naha tax-xellug, l-attur isostni li waqt l-incident, huwa kien sa mill-bidu nett beda jaqsam lejn ix-xellug tat-triq u dan billi telaq minn fejn hemm is-central strip [u] x'hin wasal ghan-nofs iz-zebra crossing, il-konvenut tajru". Kwindi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar li: i. fil-gurnata u hin indikat sehh l-incident meritu din il-kawza; ii. li l-attur li kien qieghed fuq xi xoghol tal-Maltacom ittajjar meta kien qed jaqsam fuq iz-zona pedonali; iii. li kien il-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura ko-involta f'dan l-incident.

Illi fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jipprefiggi terminu ta' sentejn ghall-azzjoni ta' danni maghrufa bhala "akwiljani". Il-konvenut jimposta din l-eccezzjoni fuq in-nullita' tal-ittri ufficjali pprezentati fl-intervall bejn l-incident u l-prezentata tac-citazzjoni. Jargumenta li tali nullita' temani fuq difett sostanzjali inerenti fiz-zewg ittri ufficjali, li hu kontez interrompew il-perjodu preskrittiv, billi, fil-fehma tieghu, huma ma jirrigwardawx l-istess meritu tal-kawza u

ghalhekk ma setghux jinterrompu xi terminu ta' preskrizzjoni li jirrigwarda l-meritu. Minn ezami tal-ittri ufficjali jirrizulta li hemm indikazzjoni skorretta tan-numru tal-vettura tal-konvenut li tirrisulta differenti u zbaljata min-numru korrett taghha kif jemergi mhux biss mill-affidavit tal-konvenut izda anka mill-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Oltre dan jenfazizza l-konvenut li anka fic-citazzjoni l-istess numru tal-vettura gie ndikat hazin.

Illi ghalkemm wiehed ghandu jevita zbalji ta' din ix-xorta, fejn si tratta ta' zball tal-kitba, n-nullita' m'ghandhiex ikollha s-sopravvent a skapitu tal-gustizzja. Ikun formalizmu strett u ngust li kieku l-Qorti kellha f'dan il-kaz tissekonda n-nullita jew irregolarita' ohra minhabba li gew interskambjati n-numri '9' u '6' jew minhabba li l-ittra 'I' giet imnizzla bhala 'J'. Skond l-Artikolu 2129 tal-Kodici Civili difett ta' forma ma jgibx in- nullita' u fil-kaz in ezami l-izball huwa konsonu ghal dak ta' forma u mhux ghal dak ta' sustanza.

Trattasi r-responsabilita' ghall-incident huwa pacifiku li kemm is-sewwieq u kemm il-pedestrian ghandhom drittijiet u obbligi. Fil-kaz in ezami huwa fatt li l-attur kien fuq l-istrixxi pedonali u l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu lejn il-belt Victoria. Il-konvenut 'ex admissis' stqarr li ra lill-attur jaqsam. Fid-deposizzjoni guramentata tieghu (folio 281 et seq) hu spjega hekk id-dinamika tal-incident: "Ghandi nispjega li ftit iktar 'l isfel hemm pedestrian crossing fit-triq. Din tigi ftit iktar 'l isfel (cioe' lejn ic-centru ta' Victoria) mill-hanut tal-Forestals. Meta kont ghadni lura u jigifieri kont ghadni ma lhaqtx il-hanut tal-Forestals innotajt li persuna qasmet min-naha tax-xellug ghan-naha tal-lemin tat-triq miexi lejn dak il-gemb. Jiena bqajt ghaddej bil-mod hafna. Izda appena ilhaqt iz-zebra crossing dan dar lura ghal go fija u sibtu ma' wicci. Jiena lanqas tani cans nirrejagixxi ghaliex ilqattu bil-gemb tal-lemin tal-vettura tieghi. Din il-persuna qalghet daqqa bil-windscreen – ezattament bin-naha tieghi tal-windscreen…". Issa, jekk xejn, dan juri li l-konvenut ra lill-

attur jaqsam minn distanza ragwardevoli u fi kliemu "baqa ghaddej bil-mod hafna" li jfisser li ma waqafx kif kellu d-dmir jieqaf.  Ifisser wkoll li dak li xehed fit-22 ta' Lulju 1997 (vide folio 321) ghandu aktar mill-verosimili.  Fil-verita', fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut ikkalkola hazin.  Il-marka tad-demm li nstabet fuq l-istrixxi pedonali, markata fuq l-iskizz a folio 25,  hija indikattiva ta' fejn sehh l-impatt li hi aktar vicin nofs it-triq milli s-'central strip'.  Ifisser wkoll li l-attur mhux biss kien ghadu ma ittransitax l-istrixxa pedonali kollha izda li addirittura lanqas kien ittransita nofs it-triq fid-direzzjoni ta' fejn kien gej l-konvenut.  Altru allura li m'hemmx responsabilita' tas-sewwieq, liema responsabilita' l-Qorti qeghdha tqisha bhala l-kawza unika u immedjata tal-incident.  Dak li ppreceda u segwa l-incident din il-Qorti assolutament m'hix qeghdha tara li ghandu xi rilevanza sakemm ghandhu x'jaqsam mar-responsabbilita'.

Illi in kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni dawn huma esklussivament ikkoncentrati fil-limiti tal-lukri cessanti stante illi fil-kamp tad-danni emergenti m'hemm xejn fil-provi li juru li l-attur sofra xi tip minn dawn l-ahhar danni. Mill-lat ta' l-ewwel tip ta' danni l-Artikolu 1045 Kodici Civili jipprovdi li dawn id-danni jikkonsistu fit-"telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali" kunsiderat li "is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' [ghandha] tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikulari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".

Illi sintomatiku f'din il-kawza hija l-estensivita' tad-danni riportati mill-attur f'incident li fid-deher tieghu ma kienx jidher li ser ihalli riperkussjonijiet tant gravi fuq l-attur. Fuq talba tal-attur il-Qorti kienet innominat esperti medici fil-kamp tal-urologija, l-ortopedija, l-awdjologija, l-oftamologija, l-kirurgija dentali u l-psikjatrija. L-imsemmija esperti stabbilew percentwali ta' dizabilita' totali ta' 70% mill-lat fisiku u 100% mill-lat psikologiku. Wara li ezaminat individwalment r-relazjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tistabilixxi l-grad totali ta' inkapacita' sofferta mill-

attur fil-percentwali ta’ 65% wara li ikkunsidrat li huwa inverosimili li l-attur sofra, kawza diretta tal-incident, d-disabilita’ mill-lat tal-awdjologija li jinghad effetwat l-udit lemini tieghu f’percentwali ta’ 8% meta d-dinamika tal-incident kien tali li effettwat kellu jkun l-udit xellugi. Kwindi kif jghid ben tajjeb il-kirurgu Anthony Bernard (ara relazzjoni tieghu folio 307) il-percentwal tad-disabilita’ li sofra l-attur hija relatata izjed mill-lat newrologiku u psikjatriku li mir-relazzjoni tal-Professur Carmel Cutajar (vide fol.309) jidher li gew it-tnejn ikkunsidrati u d-disabilita’ determinata fil-grad ta’ 65% li fl-opinjoni tal-Qorti u minhabba l-‘permanent urinary incontinence device’ li l-attur hu rassenjat li jgorr hija percentwali gusta u ragjonevoli.

Illi mill-bqija u ghal finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mid-dokument folio 105 jirrisulta li l-attur kellhu appena 37 sena meta sehh l-incident. Ma jirrisultax pero’ l-introjtu annwali tieghu u ghalhekk fuq l-istregwa tas-sottomissjonijiet tal-konvenut il-qligh tal-attur ghandu jigi stmat fuq il-paga minima nazzjonali li, fi kliem il-konvenut, tammonta ghal 117.57 euros (Lm57.88) fil-gimgha. Din il-Qorti izzid tosserva wkoll li mid-dokument folio 105 gja riferit jirrisulta li l-attur ghandu sengha ta’ tradesman /plumber. Konsegwentement din il-Qorti jidrilha li ghandha tadotta paga annwali ta’ Lm4,000 fuq 20 sena u fuq percentwali ta’ dizabilita ta’ 65% bit-tnaqqis ta’ 20% in via ta’ “lump sum payment” anka ghaliex t-tul taz-zmien li hadet il-kawza huwa attribbwibbli lilu. Konsegwentement qeghdha tillikwida d-danni fl-ammont ta’ 96,000 euros (Lm41,600).

Taqta’ u tiddeciedi ghalhekk li:

1. tichad l-eccerzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

2. tilqa’ t-talbiet tal-attur u ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni tillikwida s-somma ta’ sitta u disghin elf u disa’ mitt (96,900) euro li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur.

L-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------